**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 18.7.10: JUM IL-ĠENEROżITA'**
**GABRA:** Il-Ġabra tal-lum tkun wkoll għall-festa.
**IT-TNEJN, 19.07.10: IT-TNEJN, 19 ta' Lulju : Lejliet il-Festa Liturġika ta' Santa Margerita V.M.**

**JUM IL-VOKAZZJONIJIET**

**Fis-6.30p.m.** Għasar Kantat u Kurunella
**Fis-7.00p.m.** Fl-okkażjoni tal-25 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Dun Renato Borg, se ssir Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi bis-sehem tal-orkestra flimkien mal-Kor Ulied Margerita.
Kulħadd huwa mistieden jieħu sehem.
**IT-TLIETA, 20 ta' Lulju : SOLENNITA' LITURĠIKA TA' SANTA MARGERITA V.M.**

**JUM IL-FAMILJA**

**Fis-6.30p.m.** Għasar u Kurunella lil Santa Margerita
**Fis-7.00p.m.** Konċelebrazzjoni mmexxija mir-Rev.mu Mons Giovanni B. Gauci, Vigarju Ġenerali, li fiha koppji miżżewġin jfakkru il-25 sena, l-40 sena u l-50 sena ta' ħajja miżżewġa.
Koppja oħra se tagħti ħajja ġdida lit-tarbija bil-Magħmudija.
F'din il-quddiesa isir talb speċjali għall-familji u jsir ukoll it-tiġdid tal-wegħdiet taz-żwieġ.
Tindaqq l-Antifona u Barka Sagramentali.
**L-ERBGĦA, 21 ta' Lulju : L-Ewwel Jum tat-Tridu**

**JUM L-EMIGRANTI U R-RESIDENTI BARRANIN**

**Fis-6.30p.m.** Kant ta' l-Għasar u wara tingħad il-kurunella lil Santa Margerita V.M.
**Fis-7.00p.m.** Quddiesa Kantata bis-sehem ta' l-orkestra u li fiha jieħdu sehem l-Emigranti u r-Residenti barranin.Jipprietka Mons. Carmelo Gauci, Arċipriet tal-parroċċa kolleġġjata tal-Għarb.
Kant ta' l-Antifona u Barka Sagramentali.
**Fit-8.30p.m.** Ikla Tradizzjonali fil-Pjazza tal-knisja
**IL-ĦAMIS, 22 ta' Lulju: It-Tieni Jum tat-Tridu**

**JUM IL-BENEFATTURI.**

**Fis-7.00a.m.** Ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar
**Fis-6.30p.m.** Kant ta' l-Għasar u Kurunella.
**Fis-7.00p.m.** Quddiesa Kantata bis-sehem tal-orkestra. Jipprietka Mons. Carmelo Gauci, Arċipriet tal-Għarb.
Kant tal-Antifona u Barka Sagramentali.
**IL-ĠIMGĦA, 23 ta' Lulju : It-Tielet Jum tat-Tridu**

**JUM IL-MORDA U L-ANZJANI**

**5.00p.m.** Quddiesa għall-Morda u l-Anzjani.
Wara jkollhom riċeviment flimkien.
**Fis-6.30p.m.** Kant tal-Għasar u wara tingħad il-Kurunella.
**Fis-7.00p.m.** quddiesa kantata bis-sehem tal-orkestra. Jipprietka Mons. Carmelo Gauci, Arċipriet tal-Għarb.
Kant tal-Antifona u Barka Sagramentali.
**IS-SIBT, 24 ta' Lulju : LEJLIET IL-FESTA ESTERNA**

**JUM IT-TFAL**

**Fil-10.30a.m.** quddiesa għat-tfal kollha mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi li fiha ssir l-preżentazzjoni tat-Tfal u tat-Trabi lil Santa Margerita. Isir il-kant tat-Te Deum.
**Fis-6.30p.m.** TRASLAZZJONI SOLENNI BIR-RELIKWIJA ta' SANTA MARGERITA V.M. Għasar, Antifona u Barka Sagramentali. Imexxi Dun Renato Borg.
**Fis-7.45p.m.** quddiesa.
**IL-ĦADD, 25 ta' Lulju : JUM IL-FESTA ESTERNA TA' SANTA MARGERITA V.M.**

**JUM IL-KOMUNITA' PARROKKJALI**

**Quddies:** 5.30a.m.; 6.15a.m.; 7.00a.m. u 8.00a.m.
**Fid-9.00a.m.** Pontifikal Solenni mmexxi mill-E.T. Mons Mario Grech, Tiġi esegwita l-quddiesa "Missa in honorem S. Margaritae" tal-Mro. Charles Camilleri
**Fil-11.00a.m.** quddiesa

**ĠABRA:** Il-ġabra li saret għall-vittmi tal-għargħar f'Alagoas fil-Brażil kienet is-somma ta' €616